# Kemm tafhom is-siġar?

Is-siġra hija pjanta li għandha diversi partijiet: l-għeruq, iz-zokk u l-weraq. F'ċerti żminijiet tas-sena, xi siġar ikollhom ukoll il-fjuri u anki l-frott.




1.
Qabel ma jsiru kbar kif imdorrijin narawhom, is-siġar jgħaddu minn diversi stadji ta' żvilupp.

2.
Is-siġra tibda minn żerriegħa żgħira, li ssir pjanta u din tikber tul ħafna snin. Xi kultant tgħix anki għal sekli sħaħ.

# Minn fejn jibda kollox ...



Tidher stramba l-biċċa, imma l-ħajja tas-siġra tibda taħt l-art.



1.
Jekk iż-żerriegħa tkun saret kif suppost, ladarba taqa' fil-ħamrija, tinfetaħ u tibda tiżviluppa l-għerq.



2.
L-għerq jibda jitwal sabiex meta tikber, is-siġra tkun ankrata tajjeb fl-art.





3.
L-għeruq huma importanti għaliex, minbarra li jqabbdu s-siġra fil-ħamrija, jassorbu wkoll l-ilma u n-nutrijenti l-oħrajn li s-siġra għandha bżonn biex tikber.

**Kurżità**

Kont taf li l-ikbar żerriegħa fid-dinja hija dik ta' siġra tal-palm twila ħafna li tikber fil-gżejjer tas-Seychelles? Hija l-ġewża tal-Indi li tista' tkun tiżen sa 20 kg!

